**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 643/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs.**

**Frankie Bugeja**

Illum it-8 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Frankie Bugeja iben Francis Bugeja u Doreen (Maria Dolores) Chricop xebba Abela imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Novmebru 1983, resident 46, Gharlton, P/H 12, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0570983M

Akkuzat talli nhar it-22 t'Ottubru 2019, fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' twieqi tal-aluminum ghad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bl-ammont; Att 18, 261, 263, 267, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan ghad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri u/jew persuni ohra; Art. 325(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali li sar fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2019, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-18 ta' Ottubru 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigu aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Folio 20 ta' l-atti processwali
[2] Folio 155 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 18, 261, 263, 267, 278(2), 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 325(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligiijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 18 ta' Novembru 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar it-18 ta' Novembru 2021.[4]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha aktar provi xi tressaq nhar il-24 ta' Mejju 2022.[5]

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni li saret fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022.[6]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[3] Folio 156 ta' l-atti processwali
[4] Folio 156 ta' l-atti processwali
[5] Folio 158 ta' l-atti processwali
[6] Folio 152 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-22 ta' Ottubru 2019 meta gewwa San Pawl il-Bahar gie allegat li l-imputat ikometta serq ta' twieqi tal-*aluminium* u hsara ghad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2019 xehed **Wayne Vincent Spiteri**[7], li kien qed jahdem bhala *project manager* fuq blokka in kostruzzjoni bl-isem Cavalli Mansions, Triq it-Tamar, Il-Qawra. Kien gie avvicinat minn persuna jismu Adrian li kien involut fil-bini ta' progett iehor vicin u staqsieh jekk kienx induna b'xi aperturi tal-aluminju nieqsa. Wara li dar dawra mas-sit, ix-xhud induna li kien hemm hames aperturi bit-twieqi nieqsin. Dawn l-aperturi kienu ta' kulur abjad u kellhom il-hgieg *double glazing*. Kienu ilhom installati fuq il-lant madwar tlett gimghat. Ix-xhud ipprezenta fattura mharuga minn JD Operations Ltd li tikkonferma li l-valur tal-aperturi misjuba nieqsa huwa ta' €2,207.19[8]. Iccara li ma kienx hemm sgass minhabba li l-korp ta' bini ma kienx ghad ghandu bieb ta' barra.

[7] Folio 31-35 ta' l-atti processwali

[8] Dok WS1, Folio 36 ta' l-atti processwali

*"E Main door ma kienx hemm. Jigifieri dahal, imqalghu l-purtelli e l-bibien u l-bibien il-kbar ma nqalghux just twieqi zghar li nqalghu, erba' aperturi minn go wahda u tieqa ohra minn go appartament iehor."*

*"Le Le. Sgass ta' xejn ghax ma kienx hemm ovvjament bieb ta' barra."*[9]

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2019 xehed **Colin Borg**[10]. Spjega li jiggestixxi negozju fejn jixtri u jbiegh *scrap metal* u ghandu garaxx f'Hal Farrug, limiti ta' Hal Luqa. Xi xahrejn qabel kien cempillu persuna li wara sar jaf li kien l-imputat u qallu li ghandu xi materjal li jista' jbeghlu. Meta ltaqghu fil-garaxx tieghu, induna li l-materjal li kellu kien jikkonsisti biss f'purtelli bojod tal-aluminju u ma kellux il-*frames* taghhom. Minn naha tieghu, ix-xhud intebah li kien hemm xi haga stramba minhabba li l-purtelli kien ghad ghandhom l-i*sticker* tas-"Sun Aluminium" u ghalhekk deherlu li kienu godda. A bazi ta' dan gieh suspett li l-purtelli kienu misruqin u cempel lill-proprjetarji ta' Sun Aluminium ghax kien jafhom. Eventwalment, il-purtelli, li kien lahaq tkissrilhom il-hgieg, kienu ngabru minghand ix-xhud minn wiehed mill-proprjetarji tal-blokka. Ix-xhud spjega ulterjorment li meta l-imputat mar fil-garaxx tieghu, huwa kien qed isuq vann abjad izda ma kienx jaf x'kien in-numru tar-registrazzjoni taghha.

Ix-xhud stqarr li l-imputat kien ikkonfrontah dwar l-origini ta' dawn it-twieqi:

*"….ghidtlu: 'dawn we narahom bit-tiketti, t-twieqi ghadhom godda.' ghidtlu: 'isma', dawn misruqin jew le?' Ghidtlu: 'Ghax jien ma rridx noqghod nixtri xoghol misruq jew hekk u.' Qalli: 'Le.' Qalli: 'Jiena dawn sibthom.' Ghidtlu: 'Imma hu hsieb ghax jekk sibthom u forsi haddiehor seraqhom biex inaddafhom ghal darb'ohra,' ghidtlu: 'tigi komplici inti.' 'Le. Le. Le.' Qalli sibthom u qalli. Ghidtlu: 'Allright.'*[11]

---

[9] Folio 34 ta' l-atti processwali
[10] Folio 40-46 ta' l-atti processwali
[11] Folio 43 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Mark Deguara**[12], rapprezentant ta' Sun Aluminium Limited. Ikkonferma li fit-22 t'Ottubru 2019 kien gie mitkellem mill-Pulizija dwar aperturi tal-aluminju li huwa kien immanifattura. Stqarr li kien gie kkuntattjat minn Colin Borg, li jinnegozja l-i*scrap metal* dwar dawn l-aperturi u x-xhud kien gharafhom fil-garaxx ta' dan Colin Borg f'Hal Luqa. Huwa gharaf l-aperturi partikolarment mit-tiketta ta' referenza li kien ghad hemm fuqhom u li kien hemm sahansitra referenza anke bil-kitba tieghu stess u fil-fatt ikkonferma li kienu gew installati fi zvilupp jismu "The Quay" fi Triq it-Tamar, il-Qawra. Spjega li f'dak il-mument, l-aperturi jew ahjar il-gwarnici minghajr hgieg kienu jinsabu fil-fabrika taghhom f'Haz-Zebbug.

Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020[13] fejn huwa pprezenta stima[14] tax-xoghol neccesarju mahruga minn Sun Aluminium Ltd sabiex jissewwew l-aperturi in kwistjoni relattivi ghal "The Quay". L-istima hija fl-ammont ta' €1,593.00.

Fl-istess seduta xehed **George Deguara**[15], rapprezentant ta' Sun Aluminium. Spjega li kien infurmah it-tifel tieghu Mark Deguara li kienu insterqu xi twieqi minn taghhom minn site fil-Qawra tal-GAP Developments. Wara li t-tifel tieghu kien ivverifika li t-twieqi kienu tabilhaqq minn taghhom, kien sar rapport fl-Ghassa tal-Qawra konguntament mit-tifel tieghu kif ukoll Adrian Muscat ghan-nom tal-izviluppatur. Minn naha tieghu, ix-xhud sahaq li ma kienx jaf lill-imputat minn qabel.

Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 xehed **PS 1462 Joseph Attard**[16], stazzjonat fl-Ghassa tal-Mellieha, li spjega kif nhar it-22 ta' Ottubru, 2019, sar rapport fl-Ghassa tal-Qawra minn Adrian Muscat, Mark Deguara, u George Deguara fis-

[12] Folio 47-51 ta' l-atti proceswali
[13] Folio 100-101 ta' l-atti processwali
[14] Dok MD1, Folio 102 ta' l-atti processwali
[15] Folio 52-55 ta' l-atti processwali
[16] Folio 74-76 ta' l-atti processwali

sens li Adrian Muscat kien xtara xi twieqi minghand is-Sinjuri Deguara u kien ircieva telefonata minghand George Deguara fejn dan qallu li kellu informazzjoni li possibilment kienu nsterqu xi twieqi tal-aluminju milli kien xtara. George Deguara kien sar jaf li kien hemm xi twieqi ghall-bejgh minn certu Colin Borg ta' Colin's Metal ta' Hal-Farrug u huwa gharafhom minn marka li kien hemm fuqhom. In segwitu tar-rapport, ix-xhud ikkordina ma PS 67 Gary Saliba mill-Ghassa ta' Hal-Luqa, sabiex dan acceda fil-post tan-negozju ta' Colin Borg. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ircieva r-rapport ezebit fl-atti dwar l-incidenza mertu ta' dawn il-proceduri.[17] Minn naha tieghu, ix-xhud kien baghat ghall-imputat fl-Ghassa u gie arrestat u moghti s-soliti drittijiet.

Fir-rapport tal-pulizija li ggib ir-referenzi NPS 9/V/554/2019 u NPS 9/V/5546/2019[18] jirrizulta li certi Adrian Muscat u Mark Deguara kienu rraportaw mal-pulizija serq li kien sar ta' twieqi ta' l-*aluminium* fejn meta l-kwerelant mar jiccekkja l-appartament tieghu li jinsab The Quay, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar nnota li s-seba twieqi kienu neqsin.

Il-kwerelant Mark Deguara stqarr li kien rcieva telefonata minghand certu Colin Borg ta' Colin's Metal ta Hal-Luqa fejn dan qallu li kien hemm persuna hdejh jipprova jbieghlu twieqi ta' l-aluminium u innota li dawn it-twieqi huma xoghol ta' Mark u George Deguara.

Irrizulta li l-persuna li kellu dawn it-twieqi u li kien qed jipprova ibieghhom kien l-imputat.

Illi fit-tieni rapport gie rapportat minn Wayne Vincent Spiteri li kienu nsterqulu wkoll tweqi ta' l-*aluminium* minn go blokka ta' appartamenti li hu jiehu hsieb u

---

[17] Dok JA1, Folio 77 ta' l-atti processwali
[18] Dok PC3 u Dok PC4, Folio 7-13 ta' l-atti processwali

li qeda taht xoghol ta' kostruzzjoni izda kienu bdew jitwahhlu xi twieqi. Din il-binja tinsab fi Triq il-Tamar, il-Qawra bl-isem tal-appartamenti Cavalli Mansions, C1 u C2.

PS 1462 Joseph Attard rega' ha l-pedana fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2021[19], fejn b'zieda ma dak li kien diga' xehed, irrileva li wara li kien gie arrestat u mitkellem l-imputat, kien ta *handover* tal-kaz lil WPS 2224 Susanne Mifsud. In kontro-ezami iccara li meta mar fuq il-lant ta' Colin Borg, PS 67 Garry Saliba kien infurmah li l-persuna suspettata kienet ghadha fuq il-post u b'hekk gie identifikat l-imputat, li eventwalment gie arrestat u mghoddi lill-Ghassa tal-Qawra.

Fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2020 xehdet **l-Ispettur Paula Ciantar**[20]. Hija kkonfermat ir-rapport dwar l-incidenza de quo li kien ittiehed minn PS 1462 Joseph Attard. Ix-xhud kienet giet informata li s-suspettat malvivent kien gie mitkellem mill-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Luqa u identifikat bhala Frankie Bugeja. F'dak il-punt, kien dahal rapport iehor dwar serq ta' twieqi, din id-darba mill-blokka Cavalli Mansions, ukoll fi Triq it-Tamar, Il-Qawra. Dwar dawn ir-rapporti ix-xhud tkellmet ma Colin Borg fejn dan fil-fatt ikkonferma dak kollu rappurtat u żied li l-imputat kien qed jaghmel uzu minn vann abjad bin-numru ta' registrazzjoni DCM-882. Colin Borg kien raha stramba kif l-imputat kien hadlu t-twieqi biss minghajr il-gwarnici u anke minhabba li l-aluminju kien jidher gdid. Ix-xhud kienet inkarigat lill-ufficjali mit-Taqsima Forensika sabiex jiehdu hsieb jiffotografaw it-twieqi in kwistjoni. Wara li inghata d-drittijiet tieghu, l-imputat ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u wara ta stqarrija fejn spjega li waqt li kien qieghed miexi bil-kelb, innota diversi twieqi mormija taht sigra tal-harrub f'post vicin fejn joqghod u wara ftit, ghadda jigbor dawn it-twieqi biex ibieghhom ghall-iscrap.

[19] Folio 127-129 ta' l-atti processwali
[20] Folio 90-96 ta' l-atti processwali

Rigward it-twieqi li allegatament ittiehdu minn Cavalli Mansions, stqarr li huwa u sejjer lejn l-Ghassa tal-Qawra, rega' hallihom taht il-harruba minn fejn kien gabarhom. Minn naha taghha, x-xhud tat struzzjonijiet lil PS 1586 sabiex jaghmel ftittxija f'dan il-post allegat izda rrizultat fin-negattiv. L-imputat ta zewg stqarrijiet, wahda fit-22 t'Ottubru 2019 u ohra fit-23 t'Ottubru 2019.

F'istess seduta tas-19 ta' Novembru 2020 xehed **Adrian Muscat**[21], in rapprezentanza ta' Geom Projects Limited. Dan ikkonferma li f'Ottubru 2019 kien ghamel rapport dwar aperturi neqsin minn blokka fi Triq it-Tamar, il-Qawra, li huwa kien qed jiehu hsieb. Dan sar wara li gie nfurmat li xi hadd kien qed ikisser il-hgieg tal-aperturi, liema aperturi kien ghad ghandhom tikketta li turi l-manifattur Sun Aluminium kif ukoll li kienu destinati ghall-progett li kien qed jiehu hsieb hu. Spjega li t-twieqi kienu diga' mhallsin u kellhom jigu mibdula bi spiza ta' €1,350.00 u pprezenta fattura li tkopri dan l-ammont.[22]

Fl-istess seduta xehed **PS 67 Gary Saliba**[23], stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. Dan stqarr li fit-22 t'Ottubru 2019 kien gie mitlub mill-Ghassa tal-Qawra sabiex jaccedi fiz-zona industrijali ta' Hal Farrug, fin-negozju ta' certu Colin Borg in konnessjoni ma allegat serq ta' twieqi. Hekk kif wasal fuq il-post sab lill-imputat Frankie Bugeja, li gharaf fl-awla, kif ukoll ra t-twieqi in kwistjoni. Fuq il-post kien spjegat lilu li kien suspettat li t-twieqi kienu misruqa minhabba li kien ghad ghandhom it-tikketta tal-manifattur imwahhlu fuqhom u kienu jidhru ghadhom godda. Minn naha tieghu, ix-xhud ghadda biex informa lill-imputat li kien taht arrest izda dirigieh biex jitla' l-Ghassa tal-Qawra wahdu. Ix-xhud spjega li l-imputat beda jghid li t-twieqi kien sabhom f'ghalqa. Spjega li wara l-arrest, it-twieqi baqghu ghand Colin Borg. Ix-xhud ipprezenta kopja

[21] Folio 104-108 ta' l-atti processwali
[22] Dok AM1-2, Folio 109-110 ta' l-atti processwali
[23] Folio 134-137 ta' l-atti processwali

tar-rapport tal-pulizija iffirmata minnu stess bir-referenza NPS 9/V/5546/2019.[24]

Fl-istess seduta xehdet **PS 2224 Susanne Mifsud**[25], stazzjonata fl-Ghassa tal-Mosta, li spjegat li kienet giet infurmata dwar l-incidenza mertu tal-kaz mill-Ispettur Paula Ciantar u giet mitluba taccedi fuq il-lok fi Triq it-Tamar u Triq il-Port Ruman, Il-Qawra. Fuq il-post, ix-xhud innotat li kien hemm ghadd ta' aperturi nieqsin u hadet sensiela ta' 15-il ritratti bil-*mobile phone taghha* li pprezentat lill-Qorti[26]. Minn dawn ir-ritratti jidher bic-car li l-post in kwistjoni ma kienx isigillat u li seta jidhol fih min irrid kif jidhru ukoll uhud mill-*frames* neqsin minn mat-twieqi.

Ix-xhud innotat ukoll li kien hemm numru ta' *frames* ghadhom imwahhlin fil-post bil-purtelli evidentament nieqsin. Fuq il-post, ix-xhud tkellmet ukoll mas-sidien tal-binjiet rispettivi li kienu ghadhom fi stat ta' *finishing*. Ix-xhud iccarat li hija fl-ebda punt ma kienet tkellmet mal-imputat u lanqas ma rceviet stimi tal-valur tal-aperturi nieqsin.

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022 xehed minn rajh **l-imputat Frankie Bugeja**[27]. Stqarr li darba minnhom kien hareg dawra bil-kelb vicin ta' fejn joqghod fil-Qawra ghall-habta tas-6:00hrs. Lemah ghadd ta' aperturi tal-aluminju mitluqa f'ghalqa li whud minnhom dehru mkissrin. Din l-ghalqa qieghda vicin Triq It-Tamar, Il-Qawra. Iccedieda li jerga' jghaddi bil-vann aktar tard u jigbor dawn it-twieqi minhabba li kien jaf li kien hemm wiehed li jixtri *scrap metal*. Fi kliem l-imputat, huwa gabar madwar ghaxart' itwieqi mill-ghalqa u kienu kwazi kollha bil-hgieg miksur. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-imputat ikkonferma li huwa kien familjari sewwa maz-zona ghax-kienet vicin id-dar tieghu u kien jghaddi

[24] Dok GA1, Folio 130-133 ta' l-atti processwali
[25] Folio 138-140 ta' l-atti processwali
[26] Dok SM1, Folio 141 ta' l-atti processwali
[27] Folio 159-161 ta' l-atti processwali

minn hemm tista' tghid kuljum. Ghaddielu minn rasu li t-twieqi kienu mormija minhabba li f'din l-ghalqa hemm hafna imbarazz u skart mormi u hija fi stat ta' abbandun. Iccara li t-twieqi ma rahomx fl-ghalqa qabel dakinhar li ddecieda li jigborhom. L-imputat kompla jispjega li meta ha t-twieqi ghand dan tal-i*scrap* li qieghed Hal Luqa, kien stmahom €55 jekk ikunu kompletament imnaddfa mill-hgieg. Stqarr li huwa minnu li tal-i*scrap* kien staqsieh jekk kienx xoghol misruq izda huwa wiegeb li hu kien gabru minn ghalqa u allura ma kienx jaf minn fejn gie. Dak il-hin qabad inaddaf il-kumplament tal-hgieg u wara ftit tal-hin, gie persuna ohra fuq il-post li qal li *"hamsa minnhom tieghi u l-hamsa l-ohra aqbad u mur erga' itfahom fejn kienu"* u ghal dan il-kliem, -imputat irrisponda li hu kien gabar it-twieqi minn barra u li seta' jehodhom jekk irid. F'daqqa u l-hin wasal fuq il-post ukoll Pulizija li qallu biex imur l-Ghassa tal-Qawra. Minn naha tieghu, l-imputat halla hames twieqi ma dak li qal li huma tieghu u ha l-hamsa l-ohra lura fl-ghalqa minn fejn kien gabarhom. Hemm kif wasal fl-Ghassa tal-Qawra, gie mehud fil-*lock-up* u mitkellem mill-Ispettur ghall-habta tat-20:00hrs.

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrijiet ta' l-imputat**

Illi ittiehdu zewg stqarrijiet ta' l-imputat propju dakinhar ta' l-allegat incident u l-ghadha.

L-ewwel stqarrija ta' l-imputat Frankie Bugeja ittiehdet nhar it-22 ta' Ottubru 2019 gewwa l-ufficju ta' l-eks Ispettur Paula Ciantar, fil-prezenza ta' PC 232 Joseph Cefai, fl-Ghassa tal-Mosta, filwaqt li t-tieni stqarrija ittiehdet nhar it-23 ta' Ottubru 2019 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Paula Ciantar fil-presenza ta' PC 981 Christian Xuereb gewwa l-Ghassa tal-Mosta.

L-istqarrijiet ittiehdu wara li kienet inghatatlu s-solita twissija dwar xiex kien qed jigi investigat u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[28].

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li jezercita dan id-dritt u ikonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali Dr. Simon Micallef Stafrace filwaqt li minn jeddu irrinunzja ghad-dritt li l-avukat ikun prezenti waqt li qed jirrilaxxa l-istqarrijiet tieghu.[29]

L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna taz-zewg stqarrijiet. Fl-ewwel stqarrija l-imputat jikkonferma li jahdem xoghol *turnkey* b'vann tax-xoghol abjad, ta' l-ghama Citroen registrat fuqu bin-numru tar-registrazzjoni DCM 882.

Meta gie mistoqsi dwar il-pjan tal-gurnata stqarr li kien behsiebu jattendi id-Detox u mmur zzur post gewwa Hal Tarxien dwar xoghol li kellu jibda izda dan kollu sfratta minhaba *"gara li gara"*.

Meta kien mistoqsi iwiegeb xi rrid ifisser b'dan il-kumment ghazel li ma jwiegibx izda meta kien mistoqsi x'kien qed jaghmel gewwa Hal-Luqa aktar qabel spjega li kien ghand tal-aluminju.

*M. "X'kont qed taghmel ghand tal-aluminju?"*

*R "Jiena mort ghand tal-aluminju ghax sibt madwar 10 twieqi."*

[28]Dok PC 5, Folio 14 ta' l-atti processwali
[29] Dok PC5 u Dok PC6, Folio 14-19 ta' l-atti processwali

*M "Fejn sibthom dawn it-twieqi?"*

*R "Dawn it-twieqi jiena sibthom dalghodu stess waqt li kont qed indur bil-kelb fl-ghalqa, sibthom taht sigra tal-harrub."*

*M "X'kulur kienu dawn it-twieqi?"*

*R "Bojod. Jiena sibt dawn it-twieqi go ghalqa li tigi bejn it-triq ta' fejn noqghod jiena u t-triq minn fejn gew dawn it-twieqi. Jiena wara sirt naf mis-sid tal-appartament minn fejn ittiehdu t-twieqi ghax dan gie biex jaghraf jekk humiex it-twieqi tieghu. Sentendi, jiena kont prezenti u naf li tkellmu is-sid u dan tal-aluminju jekk kienx wasal xi xoghol ghand tal-aluminju. Dan tal-aluminju kellu xi aluminju iehor griz wasal xi xoghol ghand tal-aluminju. Dan tal-aluminju kellu xi aluminju iehor griz li bdew ifettxuh ukoll. Is-sid qalli li t-twieqi kienu tieghu u jiena ghidtlu jehodhom lura peress li kont sibthom."*[30]

L-imputat ikompli jispjega li hu jaqla hlas ta' aluminju u li kien nehha l-kumplament tal-hgieg li kien mal-aluminju sabiex ikun jista jaqla iktar flus.

Ghar-rigward il-blokka ta' l-appartamenti minn fejn insteraq il-hgieg, spjega li kien jaf fejn kienet ghaliex *"kont nghaddi nirregistra minn fejn din il-blokka"* u li *"as such, ghadha qed tinbena u ghadha bla kisi u hekk fuq barra."*

Ghar-rigward il-kumplament tat-twieqi li ma kienux tas-sid din il-blokka, l-imputat stqarr li *"jiena ergajt tfajthom fejn sibthom, taht il-harruba."* Ghamel dan qabel ma mar l-Ghassa tal-Qawra.

[30] Folio 15 ta' l-atti processwali

L-imputat cahad li kien hu li ma jisraq it-twieqi minn gewwa l-blokka jew li kisser il-hgieg minn maghhom. Il-ferita li kellu kienet waqt li kien qed inaddaf il-hgieg imkisser u mhux ghax hu kissru.

L-imputat stqarr li dawn it-twieqi sabhom abandunati u mhux ghax hu seraqhom u gabarhom ghax sabhom barra.

*"Jien wara li hadt il-kelb ghad-dawra, tellajtu d-dar u lestejt ghax-xoghol u ghidt issa la nkun hiereg nigborhom jekk ikun ghadhom hemm. Jien biex nghidlek kollox bhalissa ghandi bzonn il-flus u peress li kienu hemm ghidt immure insarrafhom ghand tal-aluminju. Jien ma kontx naf li huma ta' dik il-blokka sakemm gie is-sid ghand tal-aluminju u qalli"*[31]

Finalment, l-imputat stqarr li hu kien jaf bil-hanut tal-aluminju fuq xoghol iehor, kien jiehu l-methadone u *"li ma nhossnix hati."*[32]

Illi fit-tieni stqarrija saru mistoqsijiet lill-imputat dwar il-kumplament tat-twieqi li gew misruqa minn Triq it-Tamar. L-imputat jispjega li r-raguni ghalfejn qabad u ha dawn it-twieqi kien ghaliex

*"Rajthom, hadthom biex insarrafhom biex niehu xi haga tal-flus hu, ghax ma kellix flus, bhal ma ghidtlek ilbierah. Sibthom barra u gbarthom."*[33]

L-imputat stqarr li ma kienx jaf minn kien il-persuna li ha dawn it-twieqi u li jghaddi minn dawk l-inhawi full filghodu u filghaxija bil-kelb tieghu minn hdejn din il-ghalqa u b'hekk sar jaf bihom ghaliex din il-ghalqa inzertat vicin ta' din il-blokka.

[31] Folio 16 ta' l-atti processwali
[32] Folio 17 ta' l-atti processwali
[33] Folio 19 ta' l-atti processwali

Finalment l-imputat sostna li hu kien qed jghid verita.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[34], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, **<u>ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex</u>***

[34] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*__jwaqqfu dik l-attivita'__. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[35] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[36]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[37] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat".*

[35] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[36] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[37] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[38] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[39]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in*

[38] deciz 5/12/1997

[39] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f' posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[40] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[41] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika*

[40] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[41] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**L-ewwel imputazzjoni - Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[42]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[43]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

[42] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[43] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz u tal-valur. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**It-tieni reat – Ir-reat tal-hsara**

Illi l-artikolu 325(1) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li l-kundizzjonijiet sabiex dan ir-reat jigi ppruvat huma:

> *(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati.*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn uħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;*

**It-tielet reat – Ir-ricettazzjoni**

L-imputat tressqa akkuzat bl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biexitbieghhom jew imexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruq b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[44] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a)*

[44] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[45] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[46]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[47] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)
[46] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998
[47] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Francesco Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In oltre l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[48]

[48] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputata xjentement laqghat ghandha dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huwiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda u d-dokument, inkluz ix-xhieda u z-zewg stqarrijiet ta' l-imputat li tressqu l-Qorti ma tqisx li l-imputat jista' jkun misjub hati tar-reat ta' serq.

Din il-Qorti issibha difficli wisq biex, tenut kont tad-difiza tal-imputat, u tan-nuqqas ta' prova f'dan is-sens, issib lill-imputat hati li, dahal fil-blokk in kwistjoni, qala' l-aperturi mertu ta' din il-kawza, hadhom, bl-intenzjoni li juzahom ghal-lukru tieghu nnifsu.

Gjaladarba ma hemm xejn li jorbot lill-imputat mal-*contractatio* tal-oggetti mertu tas-serq u li jpoggieh fix-xena tad-delitt tas-serqa, din il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li l-imputat jigi misjub hati ta' reat li l-unika rabta li hemm mieghu hija li l-oggetti allegatament derubati gew misjuba f'idejh.

Madankollu, l-istess ma jistax jinghad ghar-reat ta' ricettazzjoni. Il-Qorti qed tikkunsidra dak li stqarrew ix-xhieda f'din il-kawza, u cioe' li dawn it-twieqi kienu godda fjammanti tant li kien ghad ghandhom l-*istickers* tal-manifattur fuqhhom. Tant kienu evidentement godda, li x-xhud Colin Borg, li gie avvicinat mill-imputat sabiex ibieghlu l-istess aluminium, gieh suspett immedjat, u saqsieh kinux misruqa. Illi ghalhekk kien ragonevolment evidenti ghal persuna ordinarja li l-oggetti in kwistjoni ma kinux 'mormija' jew 'abbandunati'. Ghall-kuntrarju, kienu jidhru, b'mod evidenti, godda.

Di piu, u krucjalment xehed li l-imputat kien qed ikisser il-hgieg taghhom sabiex ikun jista ibieghhomlu. Il-Qorti tqis li ix-xhieda ta' Colin Borg ghandha mis-sewwa u ma tqisx li ghandha ghalxiex tiddubita dak li ra u osserva x-xhud. Ghalhekk, filwaqt li fir-rigward tar-reat ta' serq, din il-Qorti ma ghandhiex prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat effettivament qala' l-istess aperturi u hadhom minn fuq il-post, ma ghandhiex dubju li l-imputat kien jew seta' kien ragonevolment konxju li l-oggetti kienu misruqa u certament mhux abbandunati.

Din il-Qorti ghalhekk qed taghmilha cara li ghalkemm qed tilliberah mill-imputazzjoni tas-serq, dan mhijiex qed taghmlu ghax temmen il-verzjoni tieghu li huwa sab l-affarijiet abbandunati f'xi ghalqa – izda merament l-ghaliex ma hemmx provi li jippozizzjonawh fil-blokok mertu tas-serqa. Il-Qorti ma hijiex konvinta mill-verzjoni ta' l-imputat li dan b'kumbinazzjoni waqt li kien ghaddej biswit sit ta' bini li kien familjari ghalih inzerta sab twieqi godda mormija u mkissrin.

L-imputat jikkonferma wkoll li kien wegga waqt li kien qed ikisser il-hgieg tat-twieqi li jkompli jikkorrobora dak li xehed ix-xhud Colin Borg meta stqarr li ra lill-imputat ikisser il-hgieg biex inadaff il-gwarnic ta' l-aluminju biex ikun jista' jaqla l-flus minnhom.

Ghalhekk, anke fir-rigward tat-tielet imputazzjoni din il-Qorti sejra ssib htija taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat.[49] Illi mill-fedina penali jirrizultaw zewg sentenzi registrati wahda relatata ma serq u ohra mad-droga.

- Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, il-prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tqis lill-imputat bhala recidiv ghall-finijiet ta' piena. Mandankollu, fl-artikoli ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali dawn l-artikoli ma gewx indikati sabiex il-Qorti tikkonsidrahom. Di piu, lanqas ma jirrizulta li l-addebita tar-recidiva giet indikata fl-imputazzjonijiet li gew moqrija lill-imputat u li taghhom seta iwiegeb. Finalment fil-mori tas-smiegh tal-kawza, il-prosekuzzjoni qatt ma talbet sabiex issir xi korrezzjoni sabiex tizdied l-addebitu tar-recidiva jew tressqu provi f'dan ir-rigward ghajr ghal-fedina penali li din il-Qorti, f'kull kaz ma tqis li hija prova idoneja.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-aggravji tal-mezz u tal-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 278(2) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 533, 18, 261, 263, 267, 278(2), 279(b), 280(2), 325(1) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Frankie

[49] Dok PC2, Folio 6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

Bugeja **mhux hati** tal-ewwel imputazzjoni, izda qed issibu **hati** tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1), 28H(2) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati ihallas fi zmien sena mill-llum is-somma ta' elf, tlett mija u hamsin Euro (€1,350) lil Adrian Muscat, u is-somma ta' elfejn, mitejn u seba' Euro u dsatax il-centezmi (€2,207.19) lil Wayne Vincent Spiteri rapprezentanti hsarat u kumpens ghas-serq maghmul minnu. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar it-8 ta' Novembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**